**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
6 ta' Marzu, 2022

# NAQSMU D-DEŻERT

Bosta drabi kien jibda diskors bil-kelmiet "Smajtu xi ntqal ... Imma jien ngħidilkom". Dan il-kliem juri li Ġesù jridna nħallu warajna l-mentalità tagħna u nidħlu fil-qalb tiegħu. F'dan ir-Randan, Ġesù jrid jeħodna miegħu u naqsmu d-deżert. Ġesù jrid li aħna nħallu l-Ispirtu t'Alla jmexxina Hu. Iridna nħallu għall-ġenb iċ-ċertezzi li bnejna u naraw:



- Aħniex infittxu l-ġid tassew
- Aħniex infittxu li nġibu 'l quddiem il-ħajja, f'kull għamla tagħha
- Aħniex infittxu l-frak tal-eternità
- Aħniex nisimgħu l-vuċi tal-kuxjenza nisranija.

It-tentazzjoni hija li ma nbiddlu xejn u nkomplu kollox kif konna sejrin s'issa. Il-kelmiet "tibdil" u "konverżjoni" jbeżżgħuna. Imma Ġesù qiegħed hemm jistenniena biex nimxu miegħu u naqsmu d-deżert u nirbħu fuq il-ħażin ta' ġo fina.

F'dan ir-Randan nimxu u nitrejqu bil-Kelma t'Alla. Nixorbu mit-tagħlim. Nakkwistaw mill-ġdid il-gost għall-ħajja fi Kristu.

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa li ġejjin (7-13/3) hemm l-eżerċizzi għall-miżżewġin. Approfittaw u ħudu sehem!

***L-Arċipriet***

## ENGLISH CORNER

Last Sunday, a pastoral letter of the Bishops was read in all churches. In it all Christians are encouraged to prepare for the forthcoming visit to Malta and Gozo by Pope Francis. God is Mercy itself and He wants us to show mercy towards all, especially the most vulnerable: the elderly, the unborn child, immigrants and others. The Bishops also remind us to receive God's mercy through the reception of the sacrament of confession.
The Pope will also be in Gozo for a few hours, where he will visit the Sanctuary of Our Lady of Ta' Pinu.
Let us pray for peace for Ukraine!

## AVVIŻI:

**QASSATAT GĦALL-BEJGĦ:** miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ dan is-Sibt 5 ta' Marzu bejn il-5:00pm u s-7:30pm u l-Ħadd 6 ta' Marzu mit-8:30 sa nofsinhar.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza ħarġa għal Ta' Lourdes u wara ninżlu sax-Xatt nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu. Biex tibbukkjaw għat-trasport ċemplu lil Tonina fuq 21553041 / 79923153. Nitilqu minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30a.m.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li minn nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu se jagħmel l-ewwel ġabra għall-festa. Nitolbukom tkunu ġenerużi biex inkunu nistgħu nagħmlu festa xierqa lill-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

### AVVIŻ LIR-REFFIEGĦA U TAL-FORĊINI TAL-ISTATWI FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Ir-reffiegħa u tal-forċini li ta' kull sena jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jibdew jieħdu sehem, huma mitluba sabiex jikkuntattjaw rispettivament lil wieħed minn dawn il-membri sal-**Ħadd 20 ta' Marzu:**

**Il-Vari - Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani, il-Bewsa ta' Ġuda, il-Marbut u l-Inkurunat:** ikellmu lil Dennis Muscat fuq in-numru 79552445, jew lil Charlie Xuereb fuq in-numru 21552151 jew 99002151.

**Il-Vari - Iċ-Ċaħda ta' Pietru, Ġesù Redentur, il-Veronika u l-Vara l-Kbira:** ikellmu lil William Vella fuq in-numru 79284417.

**Il-Monument u l-Vara tad-Duluri:** ikellmu lil Lino Cumi fuq in-numru 79565493.

Qed tiġi organizzata **Ġurnata ta' Spiritwalità f'Kemmuna** nhar il-**Ħadd 13 ta' Marzu, 2022**, fi żmien ir-Randan. Imexxi Dun Ġużepp Attard. Tluq mill-Imġarr fid-9:00am u niġu lura fit-3:00pm. (Ara l-programm fuq in-notice boards tal-knisja). Għal aktar informazzjoni kellmu lil Dun Ġużepp (Mob: 99087499), lil Ġuża jew Tonina Sammut. Prezz tal-lanċa €10.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am